

## I

(Riżoluzzjonijiet, rakkomandazzjonijiet u opinjonijiet)

## RAKKOMANDEZZJONIJET

## IL-BANK ĊENTRALI EWROPEW

**Rakkomandazzjoni għal Regolament tal-Kunsill li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2533/98 dwar il-ġbir ta' tagħrif statistiku mill-Bank Ċentrali Ewropew**

**(BĊE/2014/13)**

(ippreżentata mill-Bank Ċentrali Ewropew)

(2014/C 188/01)

## MEMORANDUM SPJEGATTIV

## I. INTRODUZZJONI

Fit-23 ta' Novembru 1998, il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea adotta r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2533/98<sup>(1)</sup>. Skont l-Artikolu 107(6) tat-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità, il-BĊE preċedentement ippreżenta r-Rakkomandazzjoni BĊE/1998/10<sup>(2)</sup> lill-Kunsill. Wara dan, il-BĊE ippreżenta wkoll ir-Rakkomandazzjoni BĊE/2008/9<sup>(3)</sup> li ppreċediet l-adozzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 951/2009<sup>(4)</sup>. Huwa għalhekk xieraq illi tiġi segwita l-istess proċedura kif preżentment stipulat fl-Artikolu 129(4) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u li jiddaħħlu l-emendi proposti fir-Regolament (KE) Nru 2533/98.

## II. KUMMENTI DWAR L-ARTIKOLI

*L-użu ta' tagħrif statistiku għat-tweqqi tal-funzjonijiet superviżorji*

Biex jiġi mminimizzat il-piż tar-rapportar, u biex ikun meħtieġ li d-dejta tinġabar darba biss, skont l-Artikolu 8(1)(d) tar-Regolament (KE) Nru 2533/98 il-banek ċentrali nazzjonali (BĊNi) huma preżentement awtorizzati jużaw tagħrif statistiku kunfidenzjali għat-tweqqi tal-funzjonijiet tagħhom fil-qasam tas-superviżjoni. Għandu jiġi speċifikat illi l-BĊE, li permezz tar-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 1024/2013<sup>(5)</sup> ġew assenjati lil funzjonijiet speċifiċi fil-qasam tas-superviżjoni prudenzjali ta' istituzzjonijiet ta' kreditu, l-istess bħall-BĊNi li lilhom ġew assenjati funzjonijiet speċifiċi fil-qasam tas-superviżjoni prudenzjali, jista' juża tagħrif statistiku kunfidenzjali għat-tweqqi ta' dawn il-funzjonijiet.

Fl-istess waqt, għandu jiġi kkjarifikat illi t-trażmissjoni ta' tagħrif statistiku kunfidenzjali bejn il-membri tas-SEBĊ u awtoritajiet oħra tal-Istati Membri u tal-Unjoni responsabbli għal (a) is-superviżjoni ta' istituzzjonijiet, swieq u infrastrutturi finanzjarji, u (b) l-istabbiltà tas-sistema finanzjarja lill-Mekkaniżmu Ewropew ta' Stabbiltà (MES) tista' sseħħ biex tappoġġja l-kompiti rispettivi. L-awtoritajiet jistgħu jinkludu, inter alia, l-awtoritajiet kompetenti responsabbli għas-superviżjoni u s-sorveljanza makroprudenzjali, l-Awtoritajiet Superviżorji Ewropej<sup>(6)</sup>, il-Bord Ewropew dwar ir-Riskju Sistemiku, kif ukoll awtoritajiet awtorizzati biex ixolju istituzzjonijiet ta' kreditu.

<sup>(1)</sup> Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2533/98 tat-23 ta' Novembru 1998 dwar il-ġbir ta' tagħrif statistiku mill-Bank Ċentrali Ewropew (ĠU L 318, 27.11.1998, p. 8).

<sup>(2)</sup> Ir-Rakkomandazzjoni BĊE/1998/10 għal Regolament tal-Kunsill (KE) dwar il-ġbir ta' tagħrif statistiku mill-Bank Ċentrali Ewropew (ĠU C 246, 6.8.1998, p. 12).

<sup>(3)</sup> Ir-Rakkomandazzjoni BĊE/2008/9 għal Regolament tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (KE) Nru 2533/98 dwar il-ġbir ta' tagħrif statistiku mill-Bank Ċentrali Ewropew (ĠU C 251, 3.10.2008, p. 1).

<sup>(4)</sup> Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 951/2009 tad-9 ta' Ottubru 2009 li jemenda r-Regolament (KE) Nru 2533/98 dwar il-ġbir ta' tagħrif statistiku mill-Bank Ċentrali Ewropew (ĠU L 269, 14.10.2009, p. 1).

<sup>(5)</sup> Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 1024/2013 tal-15 ta' Ottubru 2013 li jikkonferixxi kompiti speċifiċi lill-Bank Ċentrali Ewropew fir-rigward ta' politiki relatati mas-superviżjoni prudenzjali ta' istituzzjonijiet ta' kreditu (ĠU L 287, 29.10.2013, p. 63).

<sup>(6)</sup> L-Awtoritajiet Superviżorji Ewropej huma l-Awtorità Bankarja Ewropea, l-Awtorità Ewropea tal-Assigurazzjoni u l-Pensjonijiet tax-Xogħol u l-Awtorità Ewropea tat-Titoli u s-Swieq.

**Rakkomandazzjoni għal****“REGOLAMENT TAL-KUNSILL****li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2533/98 dwar il-ġbir ta' tagħrif statistiku mill-Bank Ċentrali Ewropew**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra l-Istatut tas-Sistema Ewropea tal-Banek Ċentrali u tal-Bank Ċentrali Ewropew, u b'mod partikolari l-Artikolu 5.4 tiegħu,

Wara li kkunsidra r-Rakkomandazzjoni tal-Bank Ċentrali Ewropew,

Wara li kkunsidra l-Opinjoni tal-Parlament Ewropew,

Wara li kkunsidra l-Opinjoni tal-Kummissjoni,

Waqf li jaġixxi skont il-proċedura stipulata fl-Artikolu 129(4) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea u fl-Artikolu 41 tal-Istatut tas-Sistema Ewropea ta' Banek Ċentrali u tal-Bank Ċentrali Ewropew,

Billi:

- (1) Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2533/98<sup>(1)</sup> huwa element ewlieni fil-qafas legali li jappoġġa l-kompiti tal-ġbir ta' tagħrif statistiku tal-Bank Ċentrali Ewropew (BĊE) meġhjun mill-banek ċentrali nazzjonali. Il-BĊE konsistentement straħ fuq dan ir-Regolament biex iwettaq u jimmonitorja l-ġbir ta' tagħrif statistiku meħtieġ biex jitwettqu l-kompiti tas-Sistema Ewropea tal-Banek Ċentrali (SEBĊ), inkluż il-kompitu tal-kontribut għat-tmexxija mingħajr xkiel ta' politiki segwiti mill-awtoritajiet kompetenti fir-rigward tas-superviżjoni prudenzjali ta' istituzzjonijiet ta' kreditu u l-istabbiltà tas-sistema finanzjarja, kif speċifikat fl-Artikolu 127(5) tat-Trattat.
- (2) Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 1024/2013<sup>(2)</sup> jassenja kompiti speċifiċi lill-BĊE fir-rigward ta' politiki relatati mas-superviżjoni prudenzjali ta' istituzzjonijiet ta' kreditu u l-istabbiltà tas-sistema finanzjarja fi ħdan l-Unjoni u l-Istati Membri individwali.
- (3) Biex jiġi mminimizzat il-piż tar-rapportar fuq l-aġenzi tar-rapportar u biex ikun possibbli t-tweġġ tajjeb tas-superviżjoni ta' istituzzjonijiet, swieq u infrastrutturi finanzjarji assenjat lill-awtoritajiet kompetenti kollha, kif ukoll it-tweġġ tajjeb tal-kompiti assenjati lil awtoritajiet responsabbli għall-protezzjoni tal-istabbiltà tas-sistema finanzjarja, huwa meħtieġ li r-Regolament (KE) Nru 2533/98 jiġi emendat sabiex ikunu possibbli t-trażmissjoni u l-użu ta' tagħrif statistiku miġbur mis-SEBĊ bejn il-membri tas-SEBĊ u l-awtoritajiet relevanti. Dawn l-awtoritajiet għandhom jinkludu l-awtoritajiet kompetenti responsabbli għas-superviżjoni ta' istituzzjonijiet finanzjarji, swieq u infrastrutturi u għas-sorveljanza makro-prudenzjali, l-Awtoritajiet Superviżorji Ewropej<sup>(3)</sup>, il-Bord Ewropew dwar ir-Riskju Sistemiku kif ukoll awtoritajiet awtorizzati biex ixolju istituzzjonijiet ta' kreditu.

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

**Emendi speċifiċi**

L-Artikolu 8 tar-Regolament (KE) Nru 2533/98 huwa emendat kif ġej:

1. Fil-paragrafu 1, punt (d) huwa sostitwit bit-test li ġej u qiegħed jiżded il-punt (e) li ġej:

(d) fir-rigward tal-BĊE u l-banek ċentrali nazzjonali, jekk dan it-tagħrif statistiku jintuża fil-qasam tas-superviżjoni prudenzjali,

<sup>(1)</sup> Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2533/98 tat-23 ta' Novembru 1998 dwar il-ġbir ta' tagħrif statistiku mill-Bank Ċentrali Ewropew (ĠU L 318, 27.11.1998, p. 8).

<sup>(2)</sup> Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 1024/2013 tal-15 ta' Ottubru 2013 li jikkonferixxi kompiti speċifiċi lill-Bank Ċentrali Ewropew fir-rigward ta' politiki relatati mas-superviżjoni prudenzjali ta' istituzzjonijiet ta' kreditu (ĠU L 287, 29.10.2013, p. 63).

<sup>(3)</sup> L-Awtoritajiet Superviżorji Ewropej huma l-Awtorità Bankarja Ewropea, l-Awtorità Ewropea tal-Assigurazzjoni u l-Pensjonijiet tax-Xogħol u l-Awtorità Ewropea tat-Titoli u s-Swieq.

- (e) fir-rigward tal-banek ċentrali nazzjonali skont l-Artikolu 14.4 tal-Istatut, għat-tweqqi ta' kompiti li mhumiex dawk speċifikati fl-Istatut.'
2. Fil-paragrafu 4, il-punt (a) huwa sostitwit b'dan li ġej:
- '(a) sal-punt u fil-livell ta' dettall meħtieġ għat-tweqqi tal-kompiti tas-SEBĊ imsemmija fit-Trattat jew kompiti fil-qasam tas-superviżjoni prudenzjali assenjati lill-membri tas-SEBĊ; jew'
3. Qiegħed jiddied il-paragrafu 4a li ġej:
- '4a. Is-SEBĊ tista' tittrażmetti tagħrif statistiku kunfidenzjali lil awtoritajiet jew korpi tal-Istati Membri u tal-Unjoni responsabbli għas-superviżjoni ta' istituzzjonijiet finanzjarji, swieq u infrastrutturi jew għall-istabbiltà tas-sistema finanzjarja skont il-liġi nazzjonali jew tal-Unjoni u lill-Mekkaniżmu Ewropew ta' Stabbiltà (MES) sal-punt u fil-livell ta' dettall meħtieġ għat-tweqqi tal-kompiti rispettivi tagħhom. Kwalunkwe trażmissjoni ulterjuri minn hemm 'il quddiem trid tkun awtorizzata b'mod espliċitu mill-membri tas-SEBĊ li jkun għar it-tagħrif statistiku kunfidenzjali.'

*Artikolu 2*

**Dispożizzjonijiet finali**

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fi [data].

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha."

Magħmul fi Frankfurt am Main, il-21 ta' Marzu 2014.

*Il-President tal-BĊE*

Mario DRAGHI

---